MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2008

Numru. 162/2008

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A**

**Illum 8 ta' Mejju 2008.**

**Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**

**Vs**

**Kevin Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kevin Camilleri ta’ 25 sena, iben Joseph u Esther nee’ Falzon, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Awissu 1982, u joqghod fil-fond Numru 84, Triq il-Lunzjata Sliema, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ 422582M;

Talli nhar l-1 ta’ Frar, 2008, ghall-habta tas-2.30pm fil-Pieta’, b’diversi atti maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, kkommetta serq ta’ stereo tal-marka ‘Kenwood’ mill-vettura ta’ ghamla Fiat Punto, bin-numru tar-registrazzjoni GAO – 512, liema valur ta’ dan l-oggett jeccedi it-23.29 ewro izda ma’ jeccedix it-232.93 Ewro, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment tas-Sur Konsilju Mifsud;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli meta ghamel hsara fuq vettura GAO 512, u fuq accessorji taghha ghad-detriment l-istess Sur Konsilju Mifsud, liema hsara ma’ teccedix il-€ 116.46.

Talli sar recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi ma’ jistghux jigu mhassra;

U aktar talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fil-15 ta’ Dicembru 2007, fejn kien instab hati li kkommetta reati u gie kkundannat disa’ (9) xhur prigunerija, sospizi ghal sentejn.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li l-imputat inghata zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat l-Artikoli 261, 263, 271, 325(1)(c), 49, 50, u 289, u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kaz ta' persuna zaghzugha li, minhabba fid-dipendenza fuq id-droga, wettaq reati li maghhom igibu piena ta' inkarcerazzjoni. Aktar minn hekk, l-imputat jidher li kien diga' inghata l-opportunita' li jigi pprovdut b'assistenza biex jeghleb din il-problema, u b'hekk ma jwettaqx reati ohra assocjati mal-abbuz tad-droga. Allura l-Qorti tinsab perplessa m'hux ftit meta tara lill-imputat jitlob ghal darb'ohra l-klemenza tal-gustizzja, meta ma kien ghamel xejn fil-passat biex itejjeb il-kundizzjoni tieghu. Din il-Qorti, fil-verita' kollha, xebghet tisma' konverzjonijiet assoluti u weghdiet solenni meta persuni imputati b'reati serji jidhru l-Qorti u jiddikjaraw li issa zgur ser jibdlu hajjithom. U biex tkompli zzid, tali konverzjoni ssir wara li l-istess persuna jkun gie issentenzjat u mqieghed taht 'probation, jew inghata sentenza sospiza – fi kliem iehor meta anke l-ligi tkun gabitu daru mal-hajt. Il-Qorti m'ghadhiex timpressjona ruhha malajr meta tisma' dawn it-tip ta' weghdiet minn imputati.

Izda ghal kull kaz hemm eccezzjoni, u ghalkemm il-Qorti ghadha kemm ghamlet din il-premessa, xorta temmen li kull persuna ghandha tibqa' tinghata l-opportunita' biex issib l-ghinuna mehtiega u ttejjeb hajjitha. F'dan il-kaz, il-Qorti semghet ukoll lil xi ufficjali ta' agenziji li jassistu persuni b'dipendenza fuq id-droga sabiex johorgu minn dik il-problema. Dawn stqarru li l-imputat kien fil-frattemp avvicinahom sabiex hu jkun jista' jibda programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga,

u ghalhekk jista' jkun ta' gid ghalih li – minkejja l-fedina penali tieghu – jinghata opportunita' ohra ghal dan l-iskop. Wara kollox, l-ghan ewlieni tal-pieni fil-ligi penali hu li persuni misjuba hatja jiehdu taghlima u ma jergghux iwettqu reat iehor. Ghalhekk u ghalhekk biss, u wara hafna konsiderazzjonijiet fit-tul, din il-Qorti sejra – b'mod eccezzjonali – ma taghtix piena li tirrestringi l-liberta' tal-imputat, izda sejra zzid is-sorveljanza fuqu permezz ta' ordni ta' sanzjoni fil-komunita'.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li hadet konjizzjoni tal-Artikoli tal-Ligi hawn fuq indikati, u tas-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet;

Illi l-ammissjoni volontarja ta' l-imputat ma' thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Kevin Camilleri hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u tpoggih taht ordni tal-probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, a tenur tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qieghda wkoll testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza datata 15 ta' Dicembru 2007 ghall-massimu ta' erba' (4) snin, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza, fi kliem ciar, lill-imputat.

ANTHONY J VELLA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------